MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 83/2006

Edward Spiteri u martu
Filomena Spiteri.

vs

Anthony Spiteri,

Michael Spiteri,

Joseph Spiteri,

Mary mart Francis Portelli,

George Spiteri f'ismu proprju
Kif ukoll bħala prokuratur ta' hutu msiefra
Rose mart Francis Tabone u
Gregory Spiteri nominat b'żewġ
Prokuri annessi mal-kuntratt ta' vendita
fl-atti tan-Nutar Mary Vella Magro
tat-3 ta' Lulju, 2006.

Il-Qorti,
Rat ir-Rikors li permezz tiegħu l-atturi, wara li ppremettew illi :

1. Illi l-attur Edward Spiteri u l-konvenuti jiġu t-tfal tal-mejtin Joseph Spiteri u Carmela nee' Gambin u huma t-tmien eredi tagħhom. Fil-fatt l-imsemmija konjuġi Joseph u Carmela Spiteri kellhom ħdax-il tfal pero' b'testment tagħhom unica charta tas-17 ta' Settembru, 1990 atti Nutar Paul Pisani, dawn qatghu lil tlieta minn uliedhom ċioe' Emanuel, Salvu u Speranza mart Carlo Borg, mill-wirt u ħallewlhom minflok il-leġittima skond il-liġi.

2. Illi b'testment tal-20 ta' April 1994 atti ta' l-istess Nutar Pisani, Joseph Spiteri li sa dak iż-żmien kien romol fil-waqt illi kkonferma t-testment preċedenti ma' martu ħalla lil dawn it-tlett uliedu eskluzi mill-wirt legat ta' Lm500 kull wieħed u waħda;

3. Illi Carmela Spiteri mietet fl-20 ta' Frar 1994 waqt illi Joseph Spiteri miet fit-8 ta' Settembru 2002 ċioe' fuq it-tmien snin wara l-mara;

4. Illi matul dawn it-tmien snin l-atturi konjuġi Spiteri rrendew lil Joseph Spiteri li spiċċa waħdu servizzi, kuri w assistenzi. Dana sentejn qabel ma miet irrikonoxxa li sarulu dawn l-assistenzi u bi skrittura ffirmata minnu bid-data tat-12 ta' Diċembru 1999 dana ddikjara li huwa kien debitur ta' l-istess konjuġi Spiteri għal dawn is-servizzi, kuri w assistenzi fl-ammont ta' ħamest'elef lira (LM5000);

5. Illi fl-istess skrittura huwa ordna illi din is-somma għandha tithallas mill-werrieta tiegħu mill-flus li kien fadallu fil-kexxun, fi żmien xahar mill-mewt tiegħu u f'każ illi dan il-ħlas ma jsirx fi żmien xahar allura jibda għaddej l-imgħax tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq is-somma ta' Lm5000.

6. Illi nonostanti dina l-iskrittura din is-somma ma tħallsitx mill-flus li l-missier kellu d-dar għax dawn inqasmu u għalkemm is-seba' konvenuti ammettew li l-esponenti għamlu dawn is-servizzi, kuri w assistenzi kif jidher ċar mill-atti tal-kawża Citaz; 16/2003 (Pc) fl-ismijiet 'Speranza Borg et -vs- Anthony Spiteri et' deċiża minn din il-Qorti fl-4 ta' Ottubru, 2006, baqgħu sal-lum ma jridux li jħallsu s-sehem tagħhom minn din is-somma min bi skuża u min b'oħra;

7. Illi għal hekk din is-somma ta' Lm5000 bl-imgħax tat-8% mit-8 ta' Ottubru 2002, xahar wara l-mewt tal-missier, hija debitu tal-eredita tiegħu u għalhekk kull wieħed mill-konvenuti għandu jħallas wieħed minn tmienja (1/8) tas-somma ta' Lm5000 ċioe' Lm625 kull wieħed u waħda minnhom oltre ta' l-imgħax tat-tmienja fil-mija (8%) mit-8 ta' Ottubru 2002 ċioe' minn xahar wara l-mewt tal-missier sal-ġurnata tal-effettiv pagament.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti bħala eredi ta' missierhom, l-mejjet Joseph Spiteri, huma debituri lejn l-atturi fl-ammont ta' wieħed minn tmienja kull wieħed u waħda minnhom, tas-somma ta' ħamest'elef lira (Lm5000) ċioe' fl-ammont ta' sitt mija ħamsa u għoxrin lira (Lm 625) oltre l-imgħaxijiet tat-8% fuq l-istess somma mit-8 ta' Ottubru 2002 sad-data tal-pagament effettiv;

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex jħallsu lill-atturi s-somma imsemmija bl-imgħax kif ingħad.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tat-22 ta' Marzu 2006 u tal-mandat ta' sekwestru tal-5 ta' Lulju 2006. Il-konvenuti huma nġunti għas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi :

1. l-inkompetenza ta' din il-Qorti skond l-Artiklu 47(1) tal-Kap 12 ratione valoris.

2. Illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li hijs kontestata l-iskrittura esebita, u l-obblikgu tal-ħlas tas-serviġi.
Rat is-sentenza preliminari tagħha tat-22 ta' Novembru 2007 fejn ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenuti dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti *ratione valoris*.

Rat il-verbal tagħha ta' l-4 ta’ Mejju 2010 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza fuq il-mertu.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta' l-atturi.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta’ din il-kawża l-atturi qegħdin ifittxu li jitħallsu l-flus imwegħda lilhom minn missier l-attur, bħala kumpens għas-serviġi allegatament reżi minnhom, u dana skond skrittura privata iffirmata minnu, li ġiet ukoll esebita fl-atti tal-kawża.[1] Il- konvenuti eċċepew preliminarjament l-inkompetenza ta’ din il-Qorti *ratione valoris*. Din l-eċċezzjoni ġiet miċħuda bis-sentenza tagħha tat-22 ta' Novembru 2007. Fil-mertu mbagħad jikkontestaw l-iskrittura esebita mill-atturi flimkien maċ-ċitazzjoni u l-obbligu għall-ħlas tas-serviġi.

L-atturi qegħdin ifittxu li jitħallsu mingħand l-eredi ta' Joseph Spiteri, missier l-attur u l-konvenuti kollha, għas-serviġi li huma jgħidu li rrendewlu għal xi żmien qabel ma miet. In sostenn ta' din it-talba tagħhom l-atturi esebew skrittura privata,[2] li skond l-attriċi ġiet ikkupjata minnha minn fuq skrittura oħra ppreparata minn avukat inkarigat minnha u minn żewġha meta marru jikkonsultawh dwar kif setgħu jipproteġu d-drittijiet tagħhom għall-kumpens ta' dak li kienu qed jagħmlu ma' missier l-attur. Permezz ta' din l-iskrittura l-imsemmi Joseph Spiteri kien ikkostitwixxa ruħu "*debitur fil-konfront ta' Dwardu Spiteri u Filomena*

[1] Dok. 1 a fol. 6 tal-process .
[2] ibid.

*Spiteri fis-somma ta' ħamest elef lira maltija (Lm5000), u dana minħabba li huwa u martu rrendewli diversi servizzi kuri u assistenzi matul dawn l-aħħar snin wara l-mewt ta' marti…*". [3] Fin-Nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom il-konvenuti jidher li qed jitfgħu dubbju dwar il-ġenwinita' ta' l-istess skrittura. Imma apparti l-fatt li ħadd minnhom ma kkontesta l-firma ta' l-imsemmi Joseph Spiteri li tidher fuq din l-iskrittura, anzi ġie konfermat minnhom li għalkemm missierhom ma kienx jaf jikteb, kien jasal biex jiffirma ismu, affermaw ukoll li minkejja li kellu eta' avanzata, u nfatti miet ta' disgħin sena,[4] baqa' f'sensieh sa' l-aħħar. Jirriżulta għalhekk illi din l-iskrittura ġiet tassew iffirmata minn Joseph Spiteri, li kien ukoll jaf x'qed jagħmel meta ffirmaha.

Il-konvenuti jikkontestaw ukoll l-obbligu għall-ħlas tas-serviġi. Apparti l-fatt illi ġialadarba l-iskrittura in kwistjoni qed tiġi aċċettata bħala waħda valida, id-debitu li d-*decujus* irrikonoxxa li għandu lejn l-atturi permezz ta' dik l-iskrittura, wara l-mewt tiegħu waqa' fuq l-eredi kollha tiegħu, fix-xhieda tagħhom il-konvenuti lanqas ċaħdu li l-atturi kienu tassew irrendew serviġi lil missierhom. Anzi f'każ minnhom dan ġie anke rikonoxxut speċifikament minn Margaret Spiteri, mart wieħed mill-konvenuti.[5] L-unika difiża tagħhom kienet li huma wkoll kienu jirrendu serviġi lil missierhom, imma ta' dawn qatt ma ppretendew u lanqas talbu kumpens.

Veru illi ħafna drabi meta s-serviġi jiġu reżi lil membru daqstant intimu tal-familja, dawn ikunu saru *familiaris vel pietatis causa*, imma ġialadarba rriżulta fil-każ in eżami, illi l-atturi, għalkemm is-servut kien proprju missier l-attur, talbu kumpens mingħandu u rnexxielhom ukoll jottjenu l-wegħda tal-ħlas permezz ta' l-iskrittura in kwistjoni, ma tibqa' ebda għażla issa għajr li jingħata effett għal dak huma ntitolati għalieh l-atturi permezz ta' l-istess skrittura.

B'din l-iskrittura tat-12 ta' Diċembru 1999, Joseph Spiteri obbliga lill-werrieta tiegħu sabiex sa żmien xahar mill-

---

[3] ara l-istess skrittura .
[4] ara certifikat tal-mewt tad-decujus esebit bhala Dok. 2 a fol. 8 .
[5] ara deposizzjoni tagħha ta' l-4 ta' Mejju 2010 .

mewt tiegħu iħallsu lill-atturi s-somma indikata ta' Lm5000. F'każ li ma jsirx dan il-ħlas fiż-żmien stipulat, kellu jiddekorri imgħax ta' tmienja fil-mija fis-sena fuq l-istess somma. L-eredi tad-*decujus* nominati bit-testment tiegħu tas-17 ta' Settembru 1990,[6] huma l-attur u l-konvenuti f'din il-kawża. L-attur bħala wieħed mit-tmien eredi għandu jissoporti sehmu minn dan id-debitu, u għalhekk jiġi li l-ammont dovut minn kull wieħed/waħda mill-konvenuti huwa: Lm5000/8 = Lm625, jew aħjar illum EUR 1456.25. Ma dawn iridu jitħallasu wkoll l-imgħaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena li laħqu akkumulaw minn xahar wara l-mewt tad-decujus, u ċioe' mit-8 ta' Ottubru 2002.[7] Dan jkollu kif stipulat fl-iskrittura msemmija.[8]

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad wkoll l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti fil-mertu, tilqa' t-talbiet attriċi : u

1. tiddikjara illi l-konvenuti bħala eredi ta' missierhom, il-mejjet Joseph Spiteri, huma debituri lejn l-atturi fl-ammont ta' wieħed minn tmienja kull wieħed u waħda minnhom, tas-somma ta' ħamest elef lira maltija (Lm5000) u ċioe' fl-ammont ta' sitt mija ħamsa u għoxrin lira (Lm625), jew aħjar illum elf erba' mija sitta u ħamsin euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (EUR 1456.25), oltre l-imgħaxijiet ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma, mit-tmienja (8) ta' Ottubru 2002 sad-data tal-pagament effettiv.

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex iħallsu lill-atturi s-somma ndikata bl-imgħax kif fuq ingħad.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tat-22 ta' Marzu 2006 u tal-mandat ta' sekwestru tal-5 ta' Lulju 2006 kontra l-istess konvenuti, u dan apparti l-ispejjeż tas-sentenza preliminari tagħha tat-22 ta' Novembru 2007.

[6] ara Dok. 3 a fol. 8 - 10 tal-process .
[7] ara certifikat tal-mewt tad-decujus esebit bhala Dok. 2 a fol. 8 .
[8] Dk. 1 a fol 6 .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------